KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 76**

**It-Tlieta 16 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-18:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr. Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

**76.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**76.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**76.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**76.01.03** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat bagħat tfakkira dwar il-pożizzjoni tal-istess kunsillier fil-11 ta' Jannar 2024 lil dawk kollha konċernati, però ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħandhom.

**76.02 Konsultazzjoni dwar l-IPPC permit application IP00103/22/V1–Aquaculture Resources Ltd**

**76.02.01** Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni ta' IPPC permit fejn qal li dan huwa permess biex wieħed ikun jista' jopera installazzjoni li taf tħalli danni ambjentali. Spjega wkoll li l-permess qiegħed hemm biex ikun jista' jirregola dawn l-attivitajiet.

**76.02.02** L-applikazzjoni tal-permess IP00103/22 ġiet approvata u l-permess iservi għal 10 snin. Semma li f'Awwissu li għadda l-Aquaculture ssottomettew lil ERA dokument tal-varjazzjoni, fejn dawn id-dokumenti msemmija ġew miftuħa għall-konsultazzjoni għall-pubbliku fis-6 ta' Jannar u se jibqgħu miftuħa sal-20 ta' Jannar 2024.

**76.02.03** Il-varjazzjoni tinkludi numru ta' rapporti tekniċi li dawn ikunu ġew rikjesti mill-Awtorità tal-Ambjent. Permezz tal-varjazzjoni se jiġu installati makkinarji biex jitnaqqsu l-irwejjaħ u titjieb il-kwalità tal-ilma li joħroġ mill-impjant.

**76.02.04** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk ir-rapport jirrigwardjax id-dranaġġ. Dr Alexander Borg Galea wieġeb fin-negattiv, jiġifieri r-rapport ma jidħolx fil-kwistjoni tad-dranaġġ iżda jirrigwardja l-kwalità tal-ilma biss.

**76.02.05** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa wkoll jekk tistax issir rimarka fis-sottomissjoni, fejn jiġi ċċertifikat li dan l-ilma li se jkun qed jintefa ma jkollux riperkussjonijiet bħalma kien hemm riċentement.

**76.02.06** Is-Sindku fakkar li għada l-Erbgħa 17 ta' Jannar fil-17:30 se ssir laqgħa għall-pubbliku flimkien mal-entitajiet ikkonċernati dwar din l-applikazzjoni. Kulħadd se jkun liberu li jistaqsi d-domandi li jixtieq.

**76.03 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 74 u seduta 75)**

**76.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 74 u 75 lill-kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti ta' seduta 74 u 75.

**76.03.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-minuti tal-laqgħa 74 ġew approvati unanimament.

**76.03.03** Fuq proponiment tal-Kunsillier Johann Borg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti tal-laqgħa 75 ġew approvati unanimament.

## 76.04 Arising mill-minuti

**76.04.01** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 76.05 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**76.05.01** *4 dog bins bil-pole*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw 4 dog bins oħra bil-pole. Intalbu tliet kwotazzjonijiet iżda daħlu 2, bl-irħas waħda tkun kwotazzjoni B, li tiswa €259.60 għal kull bin. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 76.06 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**76.06.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 3: pagament ta' €200 lill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fuq l-applikazzjoni tal-ippjanar qatt ma sar sanctioning u li bħalissa qed jaħdem fuqha il-Perit Luke Portelli.

**76.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li pagament numru 114 kien dovut lejn ħanut tal-familja.

*Petty cash:*

**76.06.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud, u sekondata mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 76.07 Komunikazzjoni mis-Sindku

**76.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ra korrispondenza sabiex isir tip ta' rikonoxximent għas-Sur Joseph Zammit li ħalliena f'inċident waqt il-qadi ta' dmirijietu. Semma li qabelxejn irid jinġieb il-kunsens tal-familja sabiex ikun jista' jsir dan it-tip ta' rikonoxximent. Għalhekk huwa ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-familjari sabiex jistaqsuhom jekk għandhomx il-pjaċir li jattendu għal laqgħa, fejn tiġi spjegata l-intenzjoni tal-Kunsill għal dan ir-rikonoxximent. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jifformola din l-ittra.

**76.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill irċieva ittra mingħand Birżebbuġa Aquatic Sports Club sabiex jingħaqad magħhom ħalli japplikaw għad-development planning funds. Spjega li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sabiex jingħata l-ammont sħiħ, iżda dan isir fuq kundizzjoni waħda: il-klabb juri lill-Kunsill Lokali li għandu skemi sabiex fix-xitwa jsiru sessjonijiet għall-komunità.

**76.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri spjega li x-xogħlijiet fil-berġa jinsabu fi stat avvanzat u li l-permess tal-bidla fl-użu għandu jitlesta sal-aħħar tax-xahar.

**76.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rċieva komunikat minn Project Greens fejn infurmaw il-Kunsill li se jibdew ix-xogħlijiet fi Ġnien l-Indipendenza, iżda m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' dati.

## 76.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**76.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u rakkomandazzjoni.

## 76.09 Korrispondenza

**76.09.01** Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

## 76.10 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager

**73.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li billi l-contracts manager tinsab indisposta bħalissa, qed jiffukaw l-aktar fuq it-tenders il-ġodda li se jiġu ppubblikati fil-ġimgħat li ġejjin. Fosthom hemm it-tender tal-car park, tal-latrini, tal-bulky refuse, tal-ġonna, u t-tender tal-qtugħ ta' ħaxix f'żoni mhux urbani.

## 76.11 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**76.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat spjega li mil-laqgħa li jmiss mhux se jibqgħu jiġu printjati aktar karti għal dawn il-laqgħat iżda kulħadd għandu jġib il-laptop jew tablet personali miegħu.

**76.11.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn l-approvazzjoni biex tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni għal IT technician. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**76.11.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta l-irċevuta tar-rigal li ngħata lil waħda mill-impjegati għat-twelid tat-tarbija tagħha mill-kunsilliera.

## 76.12 Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati

*Hawn is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ħalla l-kamra sabiex il-kunsilliera jiddiskutu u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-performance bonus appraisal tas-segretarju eżekuttiv u l-impjegati. Wara ftit minuti hu ntalab jerġa' jidħol lura.*

**76.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat li l-kunsilliera preżenti kollha qablu li:

- is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jingħata l-massimu ta' 10%
- l-impjegati kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 6%
- il-foreman jingħata s-somma ta' €450 bħas-snin ta' qabel

**59.12.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, f'isem il-ħaddiema, ukoll irringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera kollha li dejjem japprezzaw ix-xogħol li jagħmlu.

## 76.13 Quarterly Report (Jannar-Diċembru 2023)

**76.13.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar il-4th quarterly report tas-sena 2023.

*Dħul:*

| | |
|---|---|
| Gvern Ċentrali | €928,629 |
| Permessi | €47,782 |
| 10% administration fee tal-LESA | €4,657 |
| Dħul ieħor | €1,640 |

*Infiq:*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarji | €269,267 |
| Operazzjoni u manutenzjoni | €568,982 |
| Spejjeż amministrattivi | €76,323 |
| Spejjeż kapitali | €272,170 |
| Grants | €45,000 |

Il-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa dak ta' 86%.

Il-quarterly report li jkopri Jannar u Diċembru 2023 ġie approvat mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 76.14 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**76.14.01** Il-Kunsillier Alex Caruana talab għall-pjanta taż-zebra crossing ta' Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li l-pjanta ġiet mibgħuta b'email.

**76.14.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana rigward l-un/loading bays li hemm il-pjazza madwar il-knisja. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li waħda minnhom se titneħħa.

**76.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar l-isleeping police ta' Triq it-Tankijiet ħa tiddaħħal mal-pjanta.

**76.14.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana biex titneħħa ċ-ċinta tax-xatt ħalli jsir aktar spazju għall-parkeġġ. Huwa wieġeb li se jiċċekkja mal-perit tal-Kunsill jekk ħariġx. Qal ukoll li nhar il-Ġimgħa se ssir laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid sabiex jibdew diversi xogħlijiet pendenti li għandna.

**76.14.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li hemm ir-railing tal-Qajjenza qed jissaddad. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ewwel jinħasel sew u wara, fil-każ, jinżebagħ.

**76.14.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar is-CCTV ta' Triq Ħal Far. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li l-pjanta waslet u se jmexxu.

**76.14.07** Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka li kellhom jinġabru kwotazzjonijiet għal waCCTV għal San Ġorġ. Is-Sindku Scott Camilleri ħa nota biex jaħdem fuqha.

**76.14.08** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li resident avviċinah biex issir bozza ħdejn il-moll. Hu qed jissuġġerixxi li jsir dawl li jibdel il-kuluri fuq dan l-istess moll.

**76.14.09** Il-Kunsillier Alex Caruana qajjem punt fuq il-mirja li jinsabu ta' Tal-Ġebel u qal li dawk huma privati. Semma li dawk bżonjużi saru diġà. Huwa staqsa wkoll jekk jistgħux isiru iżjed mirja. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li ssir mera għall-ewwel darba u jekk titkisser trid tinbidel mis-sid li jkun talabha. Kull persuna li turi x-xewqa li trid mera għandha tiġi l-uffiċċju. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**76.14.10** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li nġibditilha l-attenzjoni li fejn ħanut tal-kafè ġewwa l-Bajja s-Sabiħa hemm tabella tal-blue badge holder li qiegħda tħares lejn il-ħanut minflok 'il quddiem kif suppost, u qed jidħlu ħafna nies jipparkjaw hemm u jaqilgħu ċitazzjoni għax ma jindunawx biha. Il-Kunsillier Alex Caruana se jkun qed imur jara u jitkellem mal-foreman dwarha.

**76.14.11** Il-Kunsillier Johann Borg semma li kellu diskussjoni mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava rigward il-bus shelters, fejn dan tal-aħħar qallu li se jkellem lis-Sur Kevin Vassallo sabiex jagħmel kuntatt magħna hu.

**76.14.12** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil spjegat li nħadmet rotta ġdida għal Triq il-Ġebel. Hija spjegat li qed nistennew il-korrispondenza sabiex is-servizz jibda jopera. Semmiet li t-testing sar ukoll.

**76.15 Proġetti u skemi**

**76.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li min-naħa tal-Lifelong Learning ingħatajna l-korsijiet tal-Malti u l-Ingliż bħala lingwa barranija. Huwa jixtieq li nżidu wkoll il-korsijiet tal-ħiliet diġitali bħal kif tuża email, tixtri online, etċ, kif ukoll korsijiet tax-xogħol tal-idejn. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-persuni interessati għandhom ikollhom l-apparat tagħhom għaliex il-Kunsill mhux se jkun qed jipprovdihom.

**76.15.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kif ġie deċiż fis-seduti preċedenti, fil-jiem li ġejjin se jsir kors tal-make-up. Dan se jsir flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

**76.15.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna ċirkulari mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali dwar skema SPI/SCI/1/2024 dwar restawr ta' postijiet jew monumenti storiċi f'Malta 2024/2025. Wara diskussjoni libera, il-kunsilliera qablu li l-ewwel għażla għandha tkun dik tar-restawr tal-kappella ta' San Ġorġ minn barra, u t-tieni waħda tkun is-swar ta' Wied il-Buni li jinsabu fi Triq San Patrizju. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jibgħat email jistaqsi għal aktar informazzjoni dwar jekk il-kappella ta' San Ġorġ hix possibbli li ssir.

### 76.16 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**76.16.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li fi Ġnien l-Indipendenza qed ikun hemm ħafna ġrieden. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jsiru l-kaxxi apposta.

### 76.17 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**76.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li s-Sibt 10 ta' Frar 2024 se ssir l-attività tal-karnival ġewwa Birżebbuġa. Din se tibda bil-baned minn Triq Hamil Barka u se jkun hemm attività oħra ġewwa s-sala tal-iskola primarja. Fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tipprepara programm tal-attività. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din l-attività tal-Karnival.

### 76.18 Affarijiet oħra

**76.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li s-Sibt 27 ta' Jannar se jkun hemm il-pussess tal-kappillan il-ġdid. Hi rrimarkat li nixtrulu xi ħaġa bħala Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li diġà nxtrat ikona li se tingħatalu dakinhar stess.

### 76.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**76.19.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |